MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 197/2011

**Philippa Mangion armla ta' Joseph**

**-vs-**

**Ivan Vella, iben Joseph u flimkien ma' martu Romilda Mary Vella, bint Angelo Bonavia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Frar 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi l-attriċi / rikorrenti Philippa Mangion, armla ta' Joseph, tibda biex tirreferi għall-affidavit tagħha mehmuż bħala Dokument PM1 fir-raba' Taqsima ta' din il-Kawża taħt l-Elenku tad-Dokumenti: *vide* Dokument PM1.

2. Illi ssir referenza għal Artikolu 535 sub-artikolu 1 u 2 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta; kif ukoll għal

Artikolu 536 u anke 537 tal-Kodiċi Ċivili u dan għal kull *buon fini* fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi nhar it-12 ta' Jannar, tas-sena kurrenti, ir-rikorrenti Philippa Mangion għamlet rapport fl-Għassa tal-Mosta u dana skond kif jirriżulta mid-dokument PM3 mehmuż fir-raba' taqsima tal-Kawża odjerna.

4. Illi f'dan l-istadju r-rikorrenti Philippa Mangion tirreferi għall-Att Pubbliku in Atti Nutar Dr Giuseppe Sammut tas-17 ta' Diċembru, 1962, li kien Att ta' Diviżjoni bejn Carmelo Cascun li jiġi n-nannu tar-rikorrenti Philippa Mangion u missier ir-rikorrenti Paolo Vella u fejn kien hemm il-qasma bejniethom ta' din l-għalqa magħrufa bħal "Ta' Campra" u anke pjanta magħmula bl-idejn u mingħajr kalkoli tekniċi dwar kif dina kienet ġiet maqsuma bejn Carmelo Cascun u Paolo Vella missier ir-rikorrenti: *vide* Dokument PM4 mehmuż fl-elenku tad-dokumenti fir-raba' parti tal-kawża odjerna. Illi minn dak l-Att Pubbliku jirriżulta ċar tgawdija ta' dritt ta' passaġġ u t-twaqqif tas-servitu'.

5. Illi qed issir referenza wkoll għall-Att Pubbliku tad-19 ta' Lulju, 1984 (19.07.84) in atti Dr John Debono u din id-darba sar bejn l-aħwa wlied Paolo Vella u fejn ir-rikorrenti hemm l-assenjament tal-porzjon tagħha f'dana l-kuntratt ta' Diviżjoni u Donazzjoni, ma' liema kuntratt hemm pjanta annessa redatta mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Cuschieri li tfisser eżatt il-porzjonijiet imma li f'dan l-istadju mportanti li wkoll terġa' ssir referenza mhux biss għal Provenjenzi imma minn fejn jirriżulta anke proprju fl-aħħar faċċata tal-Kuntratt ċitat illi s-servitujiet attivi u passivi kollha llum eżistenti, inkluż dawk msemmija fl-Att tan-Nutar Giuseppe Sammut tas-17 ta' Diċembru, 1962 (17.12.62), għadhom u ser jibqgħu *in vigore*. Dana sar bi qbil u bil-firem kollha ta' kulħadd, u ċjoe' ta' Rita Fenech, Doris Borg, Philippa Mangion, Joseph Vella, C. Vella, Paola Vella fil-preżenza tan-Nutar Pubbliku John Debono: *vide* Dokument PM5 mehmuż fl-elenku tad-dokumenti fir-raba' parti tal-kawża odjerna.

6. Illi ssir referenza wkoll għal Att Pubbliku ieħor in atti Nutar Loredana Debono li jappartejni lill-intimat / konvenut Ivan Vella u lil mara tiegħu Romilda Mary Vella u minn fejn jirriżulta li z-zija ta' Ivan Vella ossia Doris Borg mart Joseph kienet assenjat din l-art lill-istess intimat u lil mara tiegħu Romilda Mary Vella fejn pero fl-imsemmi att pubbliku hemm ukoll indikat u enfasiżżat illi d-drittijiet kollha spettanti lil terzi kellhom jiġu osservati u enforzati nkluż dawk tas-servitujiet, tad-dritt tal-passaġġ, skond l-Atti Pubbliċi ndikati aktar 'il fuq f'dawn il-premessi odjerni u dana minkejja kwalsiasi ħaġa li hemm imniżżla f'dana l-Att Pubbliku odjern.

7. Illi mela ma hemm ebda dubju li l-intimati konvenuti Ivan u Romilda Mary Vella konjugi Vella kienu jafu ben tajjeb li s-servitujiet attivi u passivi eżistenti għandhom jiġu rispettati fil-konfront tar-rikorrenti / attriċi Philippa Mangion, liema servitujiet attivi u passivi nkluż id-dritt ta' passaġġ ġie ostakolat bl-aġir abbużiv, opportunist u llegali tal-intimati konjugi Vella u li dana fixkel lir-rikorrenti / attriċi fi tgawdija bi drittijiet tagħha kollha li l-istess rikorrenti / attriċi għandha fuq il-proprjeta' f'dina l-għalqa magħrufa bħala "Ta' Campra" skond kif jirriżulta mill-Atti Pubbliċi li għalihom qegda ssir referenza f'din il-kawża odjerna: *vide* Dokument PM6 mehmuż fl-elenku tad-dokument fir-raba' parti tal-kawża odjerna.

8. Illi nhar it-Tnejn, 14 ta' Frar, 2011, ir-rikorrenti Philippa Mangion, bagħtet Ittra Ġudizzjarja lill-intimat Ivan Vella biex jirregola ruħu dwar l-ispoll illi huwa kien għamel fil-konfront tar-rikorrenti Philippa Mangion anke minn kif jirriżulta fl-Ittra Interpellatorja li ġiet ċitata fil-premessi preċedenti u fiċ-ċirkostanzi ġialadarba l-mittenti baqa' inadempjenti, ir-rikorrenti ma kellha ebda triq oħra għajr illi tagħmel din il-kawża odjerna: *vide* Dokument PM2 mehmuż fl-Elenku tad-Dokumenti fir-raba' parti tal-Kawża odjerna.

9. Illi ssir referenza għall-Kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta [Kodiċi Ċivili] fejn qed jiġi dikjarat li din il-Kawża qegħda ssir a bażi ta' Artikoli 535 tal-Kapitlu 16 anke fejn hemm ir-referenza għall-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta:

Artikolu 791 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivli; għall-Artikolu 536 u Artiklu 537, b’dawn tal-aħħar ukoll mill-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta’ Malta. Illi fl-inkwadratura ta’ dawn il-premessi, qegħda ssir il-Kawża odjerna.

10. Premess dan kollu, jgħidu l-intimati konvenuti konjugi Vella *ossia* Ivan Vella u martu Romilda Mary Vella għala din il-wisq Onorabbli Qorti m’għandhiex, previa l-konfermazzjoni li r-rikorrenti ġiet spoljata mill-istess intimati konjuġi Vella a bażi ta’ dak li rriżulta fil-mori ta’ din il-kawża, m’għandhiex din il-Qorti tiddikjara, tiddekreta, tidderiegi u tordna illi:-

**<u>Talbiet Attriċi</u>**

i. Din il-kawża għandha tinstema’ b’urġenza minħabba l-fatt li a bażi ta’ Artikolu 535 sub-artikolu 1 l-attriċi / rikorrenti Philippa Mangion, armla ta’ Joseph, bil-vjolenza jew bil-moħbi, ġiet imneżża’ mill-pussess tad-tgawdija tad-dritt tal-passaġġ u s-servituwijiet attivi u passivi oħra, fl-għalqa li tmiss lilha magħrufa bħala Ta’ Campra, a bażi tal-Kuntratt tad-Diviżjoni tad-dsatax ta’ Lulju, tas-sena elf disa’ mija erbgħa u tmenin (19.07.1984) fl-Atti tan-Nutar Pubbliku John Debono, bejn l-aħwa Vella ulied il-mejtin Paolo Vella u Catherine nee’ Cascun, liema kawża qed issir fiż-żmien stabbilit mill-liġi ossia fi żmien xahrejn mill-Ispoll li seħħ nhar l-1 ta’ Jannar, 2011, skond kif imfisser fil-mori ta’ din il-Kawża;

ii. It-tneżżih mill-pussess tad-dritt tal-passaġġ għal u minn iż-żewġt iħbula li għandha l-attriċi / rikorrenti Philippa Mangion, għandhom jitħallew liberi biex jistgħu jiġu utilizzati skond il-prattika u l-esiġenza taż-żmien u dan fid-dawl tal-Ispoll li sar mill-Intimati konjuġi Ivan Vella u martu Romilda Mary Vella, li kontra tagħhom qed isiru dawn il-proċeduri, biex dawn jiġu mġiegħelha minn din il-wisq Onorabbli Qorti biex jerġgħu jqegħdu f’dak il-pussess jew f’dik id-detenzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti / attriċi, u dana wkoll kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili: Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

iii. Fid-dawl tas-sub-artiklu 2 tal-Artikolu 535 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta’ Malta, dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess għandu jseħħ anke jekk il-konvenuti konjuġi

Vella huma s-sidien tal-ħaġa li tagħha r-rikorrenti / attriċi tkun bagħtiet l-ispoll, fis-sens illi jekk id-dritt tal-passaġġ jew xi servitu attiv jew passiv ieħor skond ma jirriżulta mill-qasma tad-19 ta' Lulju, 1984, in Atti Nutar Dr John Debono, bejn l-aħwa bejn l-aħwa Vella ulied il-mejtin Paolo Vella u Catherine nee' Cascun, fis-sens illi jekk id-dritt ta' passaġġ ikun fuq art li tappartjeni lill-konvenuti / intimati konjuġi Vella, ukoll id-drittijiet ta' l-attrici / rikorrenti għandhom jiġu salvagwardati kif inhuma mħarsa fl-Atti Kontrattwali mehmużin fir-raba' taqsima ta' din il-kawza odjerna u li għalihom qed issir referenza fil-mori ta' din il-kawża;

iv. Din il-wisq Onorabbli Qorti għandha previa r-referenza għall-Att ta' Diviżjoni tas-17 ta' Diċembru, 1962, in Atti Nutar Dr Guzeppe Sammut bejn Carmelo Cascun, bin il-mejjet Filippo u Paolo Vella, iben Giuseppi, kif ukoll l-Att ta' Diviżjoni tad-19 ta' Lulju, 1984 in Atti Nutar Dr John Debono, bejn l-aħwa Vella; u l-Att Kontrattwali tas-16 ta' Diċembru, 2010, in Atti Dr Loredana Debono, li jinvolvu l-konvenuti / intimati Ivan Vella u martu Romilda Mary Vella u minn fejn jirriżulta ċar illi s-servituwijiet attivi u passivi eżistenti ġia naxxenti minn dawna t-tliet Atti Pubbliċi kellhom jiġu rispettati u onorati u li proprju huma dawn id-drittijiet li ġew vjolentati bl-ispoll imwettaq mill-konjuġi intimati / konvenuti Vella, kif ġie ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;

v. A bażi ta' artikolu 536 tal-kodiċi ċivili, ossia kapitlu 16 tal-liġijiet ta' Malta, it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fit-talbiet hawn fuq suesposti, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha għandha l-jedd l-attriċi / rikorrenti Philippa Mangion;

vi. A bażi ta' Artikolu 537 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta fil-kwistjonijiet ta' pussess f'każijiet ta' servitu, il-jeddijiet u dmirijiet tal-proprjetarji tal-fond dominanti u serventi u ta' kull persuna oħra li jkollha interess, jiġu stabbiliti fuq l-użu tas-sena ta' qabel, jew, fil-każ ta' servituwijiet li jitgawdew f'intervalli ta' iżjed minn sena, fuq l-użu tal-aħħar tgawdija, fis-sens illi fil-każ in eżami għandhom jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-protezzjoni u l-ħarsien ta' kwalsijasi servitu attiv u passiv li kien *in vigore* u li ġie fis-seħħ mill-Att ta' Divizjoni tas-17

ta’ Diċembru, 1962 u ġie rikonoxxut fl-Attijiet Kontrattwali li segwew bħal dawk tad-19 ta’ Lulju, 1984 u anke dak indikat tas-16 ta’ Diċembru, 2010, għal liema raġunijiet saret din il-kawza odjerna;

vii. Din il-Qorti qed tiġi mitluba wkoll biex fiċ-ċirkustanzi tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi / rikorrenti Philippa Mangion, fis-sens illi għandha tiġi kkumpensata għall-ispejjeż u drittijiet kollha, ġudizzjarji u extra ġudizzjarji, li kienet kostretta li tagħmel minkejja li wissiet lill-intimati konjuġi Vella biex mhux biss jiddeżistu mill-Ispoll imwettaq minnhom imma biex jerġgħu jagħmlu kollox kif kien qabel l-1 ta’ Jannar, 2011, u minħabba li baqgħu inadempjenti, u minħabba t-terminu ta’ xahrejn, l-attriċi kienet kostretta li tagħmel din il-kawża odjerna.

viii. Din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tagħti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xieraq u opportun biex jiġi enforzat l-istatus li fih kienet il-persuna mneżża’ mill-pussess u biex tali persuna tingħata dik l-awtorizżazzjoni kollha skond il-liġi biex terġa’ tiġi mqegħda mill-ġdid fil-pussess apparti milli jiġu mħarsa d-drittijiet spettanti lilha għall-kumpens ta’ ħsara u danni li fil-każ odjern l-attriċi soffriet, qiegħda ssofri u għad tista’ ssofri minħabba l-inadempjenza tal-konjuġi intimati / konvenuti Vella.

ix. Din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tordna penali għal kull jum fid-diskrezzjoni tagħha li tirrispekkja l-valur tal-munita legali enforzabbli f’pajjiżna, liema ammont għandu jiġi versat lill-attriċi fl-eventwalita’ li l-intimati / konvenuti konjuġi Vella jibqgħu jfixklu fi tgawdija ta’ ħwejjiġha u d-drittijiet spettanti lilha lir-rikorrenti / attriċi Philippa Mangion.

11. Bl-ispejjez kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji nkluż dawk ta’ Atti li saru qabel il-kawża jew li jistgħu jsiru wara l-kawza imma direttament u / jew indirettament konnessi mal-mertu tat-talbiet attriċi, kontra l-Konvenuti konjuġi Vella li minn issa jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fit-30 ta’ Marzu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi t-talbiet attriċi m'humiex sostenibbli peress li dak li għamlu l-eċċipjenti għamluh fuq proprjeta' tagħhom kif huma ntitolati skond il-Liġi u dan fit-termini tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala proprjetarji;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit l-attriċi qatt ma kellha pussess ta' tgawdija għad-dritt ta' passaġġ u servitujiet ta' tali dritt fl-għalqa tal-konvenuti imma kienet titħalla tgħaddi biss b'mera tolleranza minn Doris Borg li hija s-sid prċedenti tal-art in kwistjoni;

4. Illi l-aċċess għall-għalqa tal-attriċi bħalma għandhom kull għalqa oħra li tmiss mat-triq prinċipali hija sempliċiment il-ftuħ jew fetħa mill-istess għalqa għat-triq prinċipali liema fetħa l-attriċi qed tippretendi li ma tagħmilx biex tipprova tikkapparra dritt ta' passaġġ li ma jeżistix u li qatt ma kellha u dan kif se jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

5. Illi konsegwentement ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-attriċi;

6. Illi diġa kien hemm proċeduri ta' spoll kriminali kontra l-konvenuti li ġew liberati mill-akkużi kollha qabel ma l-istess esponenti ġie notifikat bil-kawża odjerna;

7. Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jiġu trattati f'dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukati trattaw il-kawża;

Ikkunsidrat,

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża ta' spoll. L-attriċi qed issostni illi l-konvenuti għalqu l-passaġġ li jifred l-proprejtajiet rispettivi tagħhom billi fost affarijiet oħra għamlu xatba. Dawn it-tip ta' kawżi huma sfortunatament numerużi f'ambjenti rurali f'pajjiżna minħabba kwistjonijiet ta' passaġġ. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

1. il-pussess – ***possidesse***;

2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse,*** u

3. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – i***nfra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu li l-attriċi kienet tgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni b'mera tolleranza u li f'kull każ kulma għamlu huma kien fil-proprjeta' tiegħu.

Illi huwa importanti ħafna li l-partijiet jifhmu li din il-kawża **ma hija se tagħti jew tneħħi ebda dritt ta' passaġġ** kif donnhom qed jaħsbu huma u ċertu provi li tressqu ma humiex rilevanti għal din il-kawża u dan għar-raġuni ċara li din hija azzjoni possessorja. Għalhekk il-Qorti ma tistgħax tiddeċiedi dwar dan il-kweżit petitorju (illi probabbilment hemm bżonn xorta li jiġi riżolt bejn il-partijiet għal raġunijiet li huma evidenti) għaliex quddiemha għandha biss il-kwistjoni possessorja u l-prinċipji derivanti minnha.

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipproteġi il-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda minn għand il-possessur jew detentur u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

Illi wieħed ukoll isib fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958;

*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

Illi kif ukoll:

*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi franċiżi u taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992)."*

Illi biex wieħed jifhem aħjar il-mertu tal-kawża, il-Qorti se tirriproduċi l-verżjoni tal-partijiet in kwistjoni.

Illi **l-attriċi** tgħid illi hija dejjem għaddiet mill-passaġġ in kwistjoni u kien meta l-għalqa ta' biswit il-proprjeta' tagħha (qabel kienet ta' oħtha) xtraha l-konvenut (li huwa neputi tagħha) li dan beda jinsisti biex hija ma tibqax tgħaddi minn hemm. Hija għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija

tal-lokal iżda l-konvenut xorta għamel l-ostakoli msemmija.

Illi **l-konvenut** jammetti li huwa għamel ix-xatba u l-oġġetti l-oħra biex l-attriċi ma tibqax tgħaddi minn dan il-passaġġ iżda jinsisti li l-attriċi għaddiet dejjem bil-bona grazzja ta' zitu l-oħra Doris Borg. Din ġiet prodotta bħala xhud mill-konvenuti u qalet li kienet tħalli lill-attriċi tgħaddi mill-passaġġ 'bil-kuntentizza tagħha (fol 103). Madankollu aktar qabel meta ġiet mistoqsija mill-Qorti għalfejn infetaħ il-passaġġ, irrispondiet *"għax ma kellniex aċċess ieħor"* Għall-Qorti huwa ċar li l-attriċi bdiet tgħaddi mill-passaġġ, mhux tant b'tolleranza, iżda għaliex wara li qasma tar-raba' li qabel kienet ta' missierhom, hija kellha tgħaddi minn hemm biex ikollha aċċess għall-bnadi oħra. Għalhekk, ċertament fis-sens legali, l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-attriċi kienet tippossjedi l-passaġġ b'tolleranza ma treġġix. Naturalment jekk fil-fatt l-attriċi għandhiex xi dritt ta' servitu' ta' passaġġ ikun suġġett ta' azzjoni petitorja.

Illi madankollu it-talba attriċi għad-danni m'għandha ebda sostenn u ma nġiebu ebda provi fir-rigward; hawn il-Qorti tħoss li għandha tikkummenta li t-tul esagerat tar-rikors promotur ma jservix biex hija jkollha ċarezza biex tiddeċiedi dwar it-talba kontenuta fl-istess rikors u dan it-tip ta' rikorsi għandhom jiġu evitati u jsiru b'mod aktar konċiż u preċiż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *eccetto* l-ħames eċċezzjoni li qed tigi akkolta, u tilqa' t-talbiet kollha attriċi fir-rigward tal-ispoll, u tordna li l-konvenuti jneħħu kull ostakolu kompriża x-xatba biex l-attriċi jkollha l-aċċess indikat fir-rikors, u dan fi żmien xahar mill-lum, liema xogħlijiet ikunu taħt is-sorveljanza ta' A.I.C. Robert Musumeci li qed jiġi nominat bħala espert tekniku biex jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji. Fir-rigward tat-talba għad-danni l-Qorti tiċħad it-talba attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu sopportati kwantu għal terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------